## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
### MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż  Nru: 70/2020 LC

**CHANTELLE GRECH**
**(K.I. 348889M)**

*vs*

**GANAPATI (MALTA) LIMITED**
**(C-76741)**

**Illum, 15 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Rat l-avviż ippreżentat minn Chantelle Grech fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallasha l-ammont ta' għaxart' elef u ħames mitt Ewro (€10,500) liema somma hija ċerta, likwida u dovuta u tirrappreżenta ħlas ta' *notice* għal terminazzjoni abbażi ta' *redundancy*, dovuta lir-rikorrenti, ai termini tal-klawsola numru 14.1 ta' ftehim ta' impjieg li daħal fis-seħħ f'Novembru 2019 (kopja tal-ftehim ġiet annessa mal-avviż promotur) li tistabbilixxi s-segwenti "*Notwithstanding clause 2, the Company may terminate the Appointment of the Employee on the grounds of redundancy. The Parties hereby agree to three (3) months' notice period which shall be required for the purposes of such termination. In such cases, the Company may exercise its rights under the law to effect payment in lieu of notice*". Bl-

ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru (Numru 592/2020) ippreżentat kontestwalment ma dan l-Avviż.

Rat illi wara diversi tentattivi ta' notifika, ir-rikorrenti ġiet awtorizzata tinnotifika lis-soċjetà intimata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi n-notifika tas-soċjetà intimata għandha titqies li saret fil-21 ta' Frar 2022, stante li dan huwa t-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta ġie pubblikat l-avviż promotur.

Rat illi minkejja li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata hija baqat ma dehritx f'dawn il-proċeduri u lanqas ma ppreżentat ir-risposta tagħha in oppożizzjoni għat-talba tar-rikorrenti;

Rat illi r-rikorrenti għalqet il-provi tagħha fl-24 ta' Ottubru 2022;

Rat illi minkejja li s-seduta tat-23 ta' Jannar 2023 kienet intiża għall-provi tas-soċjetà intimata, din la dehret u lanqas resqet provi in difesa tal-posizzjoni tagħha;

Rat il-proċvi kollha prodotti;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li minkejja li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-atti proċesswali kif hawn fuq imsemmi, hija għażlet li ma ddaħħal ebda risposta u lanqas li tidher għas-sejħa ġudizzjarja tar-rikorrenti.

Ikkonsidrat;

Illi fis-seduta tad-09 ta' Mejju 2022, ir-rikorrenti ppreżentat l-affidavit tagħha[1] fejn bil-ġurament tagħha stqarret illi hija kienet impjegata mas-soċjetà intimata bħala *accountant*. Tispjega li hija oriġinarjament iffirmat kuntratt ta' impjieg datat id-29 ta' Marzu 2019, liema kuntratt ġie rimpjazzat mis-soċjetà intimata stess b'kuntratt ta' impjieg ieħor datat l-1 ta' Novembru 2019. Qalet li permezz tal-kuntratt il-ġdid il-paga tagħha żdiedet għal €3,500 fix-xahar.

Qalet li minkejja li kienet semgħet li s-soċjetà intimata għaddejja minn ristrutturar, hija ma kienitx taf li l-impjieg tagħha kien se jiġi tterminat u saret taf biss tramite ittra datata l-31 ta' Marzu 2020[2] fejn ġiet informata li minħabba raġunijiet ta' ristrutturar l-impjieg tagħha kien qed jiġi terminat b'effett immedjat. Fl-istess ittra, is-soċjetà intimata informat li r-rikorrenti li kienet intitolata għal ħlas ta' ġimgħatejn *notice*. Ir-rikorrenti stqarret li ma taqbilx ma din il-posizzjoni peress li l-kuntratt tagħha jistpola perjodu ta' tlett xhur *notice period* f'każ ta' tkeċċija abbażi ta' *redundancy*. Qalet ukoll li dan il-pagament ta' ġimgħatejn *notice* msemmi ma ġiex affettwat. B'hekk tikkonferma li hija għandha tirċievi bi tlett xhur paga, ammontanti għal €10,500.

Illi r-rikorrenti preżentat ukoll affidavit ta' Samira Jamil,[3] li kienet tokkupa l-kariga ta' *HR & Office Manager* fi ħdan is-soċjetà intimata. Hi kkonfermat illi s-soċjetà intimata biddlet il-kuntatti ta' impjieg ta' diversi impjegati, fosthom anke tar-rikorrenti. Qalet li l-unika raġuni li l-kuntratt ta' impjieg tal-1 ta' Novembru 2019 m'huwiex iffirmat hi li s-CEO ta' dak iż-żmien Juliet Adelstein riedet tiffirmhom personalment però ma laħqitx. Qalet, madanakollu, li l-kuntratt il-ġdid ingħata effett mis-soċjetà intimata u kien dak il-kuntratt li kien jorbot ir-relazzjoni ta' impjieg tal-parijiet.

Ikkonsidrat;

---

[1] A fol. 31 tal-Atti proċesswali.
[2] Ara Dok "CG4" a fol 57 tal-atti proċesswali.
[3] Ara fol. 60 tal-atti proċesswali.

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti ssib li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li s-soċjetà intimata tassew hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' tlett xhur paga, ossija għaxart' elef u ħames mitt Ewro (€10,500) rappreżentanti danni ai termini tal-klawsola numru 14.1 tal-ftehim ta' impjieg viġenti bejn il-partijiet.

Illi b'hekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jintlaqgħu fl-intier tagħhom;

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà Ganapati (Malta) Limited tħallas lir-rikorrenti Chantelle Grech is-somma ta' għaxart' elef u ħames mitt Ewro (€10,500) u bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-lum.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 592/2020 maħruġ fit-2 ta' Ġunju 2020 ikunu esklussivament għall-istess soċjetà intimata.

Ft.Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**